# IL-KNISJA TA' ĠESÙ NAZZARENU TAX-XAGĦRA

Raymond Mifsud

### Żona tan-Nazzarenu

Huma t-Toroq Ġnien Xibla, Triq Gajdoru, Ġnejna, Mannar, Għejjun, Parisot u Qasam ta' Dun Anton fost l-oħrajn. Il-kelma Gajdoru hi tħassir tal-kelma Latina 'Gaudiorum'. L-ewwel kappella li nbniet fix-Xagħra (dejjem skont it-tradizzjoni) inbniet mill-ewwel Patrijiet Agostinjani li ġew jgħammru Għawdex. Dawn ġew mill-Afrika ta' Fuq fis-sena AD. 439, wara l-persekuzzjoni tal-Vandali, li kissru u ħarbtu fejn għammru żmien qabel ir-Rumani. Il-Patrijiet kellhom nawfraġju fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra, u għammru fix-Xagħra, Għawdex sas-sena 1260. Imbagħad bnew il-kunvent tagħhom fir-Rabat, Għawdex. Bħala ringrazzjament lill-Verġni Marija talli ħelsithom mill-persekuzzjoni, bnew l-ewwel kappella żgħira u ddedikawha lil Santa Marija Gaudiorum tas-seba' ferħat. Ma baqa' xejn minn din il-kappella.

Fis-sena 1575 il-kappella ġiet ikkundannata u pprofonata mill-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina. L-inkwatru tal-artal kien restawrat l-ewwel darba fis-sena 802, u reġa ġie rrestawrat mill-ġdid mill-artist Gardinella bejn is-snin 1582-1595 fiż-żmien tal-Gran Mastru Huges Loubens de Verdala. Wara ġie meħud fil-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani fir-Rabat Għawdex. L-inkwatru hu għoli 6 piedi u juri lil Santu Wistin għarkupptejh jitlob. Fuq in-naħa tax-xellug hemm il-Kurċifiss waqt li fuq il-lemin tiegħu, hemm il-Madonna bil-Bambin, it-tnejn imdawrin b'seba' anġli.

Fuq inizjattiva ta' Mons. Mikiel Anġ Apap, illum mejjet, inkoraġixxa lill-mejjet Salvu Mizzi (tax-Xewwief) li għandu dar fil-qrib ħafna ta' fejn kien hemm il-kappella, sabiex jagħmel xbieha tal-inkwatru fil-faċċata tad-dar tiegħu. Din saret mill-istatwarju magħruf Għawdxi Wistin Camilleri li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fi Triq Għajn Qatet fir-Rabat Għawdex. Din in-niċċa ġiet imbierka mit-tielet Arċipriet tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, Mons. M'Anġ Cauchi, f'Mejju tal-1958.

### Bini tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu tax-Xagħra

L-aħħar Kappillan u l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, Dun Ġużepp Diacono (1893-1909), mill-Belt Victoria, ra u ħass il-bżonn li n-naħa t'isfel tax-Xagħra, fit-toroq li semmejt, tinbena knisja ġdida għall-ħtiġijiet tan-nies. Dan peress li kien hemm 'il bogħod biex in-nies imorru fil-knisja tal-Parroċċa tax-Xagħra. L-Arċipriet Diacono għamel il-pjanta tal-knisja, peress li kien iqis ruħu ta' perit. Hu għamel ukoll il-pjanta tal-knisja tal-Qala u dik tal-Għasri. Fi żmien il-parrokat ta' Diacono,



inbniet il-koppla tal-Bażilika tax-Xagħra fl-1892, fuq pjanta tiegħu stess. Il-koppla nbniet mill-bennej Wiġi Vella tal-Qanfuda miż-Żebbuġ Għawdex. Kienet l-ewwel koppla f'Għawdex tax-xeħta tagħha għall-kobor. Fi żmien l-Arċipriet Diacono, il-knisja tax-Xagħra ddedikata lil Marija Bambina, saret Arċipretali fl-1893. Imbagħad il-knisja saret Kolleġġjata Insinji fid-9 ta' Marzu 1899 mill-Papa Ljun XIII. Għall-ġieħ tal-istorja, l-ewwel Kolleġġjata t'Għawdex twaqqfet fl-1623 fil-knisja Matriċi tal-Kastell, illum magħrufa bħala ċ-Ċittadella. It-tieni twaqqfet fl-Għarb fl-1774, it-tielet dik tan-Nadur fl-1894, ir-raba' tax-Xagħra fl-1899 u l-ħames waħda dik tal-parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria fl-1976. Niftakar mort għall-pussess tal-kanoniċi, kważi kollha mietu llum. Qiegħed niftakar li baqa' l-Kanoniku Dun Ġużepp Borg mimli bl-għomor.

L-ewwel ġebla tal-knisja tan-Nazzarenu tpoġġiet fl-20 ta' Settembru fl-1903 mill-Isqof t'Għawdex, Mons Ġwann Marija Camilleri. Il-bennej kien Ġużepp Azzopardi tal-Bies mix-Xagħra. Mal-knisja nbena wkoll il-kunvent tas-

Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn is-sorijiet waqqafhom l-Arċipriet Diacono. L-ewwel Madre kienet Margerita Debrincat. Il-knisja tbierket fl-1909 mit-tieni Arċipriet tal-Kolleġġjata tax-Xagħra, Mons. Mawrizju Cauchi, li dam imexxi l-parroċċa tax-Xagħra għal 42 sena sħaħ, bejn l-1909 u l-1951 sakemm miet fil-kariga. Il-prietka tal-okkażjoni saret mill-Kanoniku Franġisk Sultana. Il-knisja damet tinbena 5 snin.



## Opri ġodda fil-knisja l-ġdida tan-Nazzarenu

Fiha nsibu tliet artali tal-irħam. Il-kwadru titulari sar fl-1908 mill-pittur Lażżru Pisani minn Ħaż-Żebbuġ, Malta. Pisani għex bejn l-1854 u l-1932. L-istess pittur pitter il-kwadru tal-Familja Mqaddsa. Pisani pitter ukoll l-inkwatru titulari ta' Sant'Antnin fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu t'Għajnsielem, Għawdex. Fil-Bażilika tan-Nadur, Pisani pitter is-saqaf, il-koppla, in-navi u l-arzella tal-orgni. Fil-knisja tan-Nadur insibu arzella waħda biss. Imbagħad fil-knisja tal-Għasri, Pisani pitter l-inkwatru titulari. Il-kwadru ta' Sant'Anna fil-knisja tan-Nazzarenu tpitter minn Ġanni Vella minn Bormla, Malta 1885-1977. Fil-Bażilika tax-Xagħra, Ġanni Vella pitter l-inkwatru tal-Qalb ta' Ġesù, li jinsab fil-kappella tas-Sagrament. F'din il-kappella nsibu wkoll Tabernaklu tal-Fidda. Minbarra fix-Xagħra, il-pittur Ġ. Vella pitter is-saqaf, l-arzella tal-kor, tal-gallerija tal-orgni, li jinsabu fil-Katidral t'Għawdex ta' Santa Marija fiċ-Ċittadella. Għal dan ix-xogħol kollu ta' pittura, ħallas il-benefattur ir-raba' Isqof t'Għawdex Mons. Ġwann Marija Camilleri, Agostinjan. Dan l-Isqof dam imexxi d-djoċesi t'Għawdex mill-11 ta' Frar 1889 sal-20 ta' Jannar 1924. B'kollox dam 35 sena. Ġanni Vella pitter ukoll il-knisja tal-Qala.

Fil-knisja tan-Nazzarenu nsibu wkoll 12-il kwadru tal-Appostli. Il-kwadri ta' San Pietru u San Pawl, tpittru mill-pittur Ġużeppi Calì (1846-1930). Ġ. Calì pitter l-arzella tal-kor fil-Bażilika tax-Xagħra fl-1920. Hu pitter ukoll l-inkwatri tal-kor. Fil-knisja tal-Qala, Calì pitter l-inkwatru Titulari ta' San Ġużepp. Fil-knisja ta' San Lawrenz, Għawdex, Ġ. Calì pitter l-inkwatru titulari. L-għaxar kwadri l-oħra tal-appostli li nsibu fil-knisja tan-Nazzarenu tpittru mill-Professur Virgilio Monti mill-Italja ( 1860-1940).

Oħra tal-appostli li nsibu fil-knisja tan-Nazzarenu tpittru mill-Professur Virgilio Monti mill-Italja (1860-1940).

Monti pitter is-saqaf, il-koppla u l-kappelluni tal-Bażilika ta' Santa Elena fil-bidu tas-seklu 20 (1907). Wara li lesta f'Birkirkara, Monti bejn l-1920 u l-1930, pitter is-saqaf tal-koppla dirett fuq il-ġebla li hija affresk tal-għaġeb, l-arzella tal-kappellun ta' San Ġużepp, l-arzella tal-kappellun tar-Rużarju, l-arzella ta' fuq l-orgni u n-navi tal-Bażilika tax-Xagħra, u jitpaxxa f'dan ix-xogħol meraviljuż ta' arti sagra. Ma nixba' qatt insemmi u nikteb bl-opri kbar ta'arti li nsibu fil-Bażilika tax-Xagħra. Hi magħrufa mad-dinja kolha.

Fil-knisja tan-Nazzarenu nsibu wkoll fiha l-istatwa ta' San Franġisk t'Assisi mħallsa minn Kurun Attard, l-istatwa ta' Sant'Antnin ta' Padova mħallsa minn Liberatu Sultana, l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp imħallsin minn Pawlu u martu Vitorja u l-Madonna ta' Lourdes imħallsa minn Salvatore Saliba, kif ukoll Santa Tereża tal-Bambin Ġesù mħallsa minn Pinu u l-mara tiegħu Filomena Zammit. Dawn l-istatwi saru mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri mill-Belt Victoria. Filwaqt li l-istatwa ta' Santa Rita ta' Cascia saret fi Franza u tħallset mill-Kanoniku Ġużeppi Said.

F'Lulju tal-1911 tiġi ċċelebrata għall-ewwel darba l-festa titulari ad unur Ġesù Nazzarenu. Fil-15 ta' Novembru 1931, il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi. Fl-1936 is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù bdew jieħdu ħsieb il-knisja u l-kunvent li jmiss magħha. Fl-1948 issir il-festa titulari u toħroġ għall-ewwel darba l-purċissjoni bis-sagrament.

Fi żmien ir-Rettur Mons. Ġwann Galea, Teżorier, li serva bejn l-1960 u l-1991, il-knisja nżebgħet minn ġewwa fl-1970, taħt id-direzzjoni tal-Kanoniku Mikiel Anġ Apap u l-Imgħallem George Farrugia. Jien niftakar sewwa lir-Rettur Mons. Ġwann Galea, għax kont abbati fi żmienu għal bosta snin. Niftakar li r-Rettur bena fuq is-sagristija, biex iservi għal-laqgħat, speċjalment tal-Legion of Mary. Fi żmien ir-rettorat tiegħu, ġab żewġ statwi tal-ġebel, li tpoġġew f'żewġ niċeċ fil-faċċata tal-knisja, fuq kull naħa tal-bieb il-kbir tal-knisja.

L-Assistent Rettur Dun Salv Sultana 1980-1991, daħal għal biċċa xogħol kbira, peress li f'ismu xtara d-dar ta' ħdejn il-knisja tan-Nazzarenu, li kienet propjetà ta' Pinu u martu Filomena Zammit. Din id-dar għaddiet f'idejn binthom Antonia Sultana. Dan ġara peress li madwar 35 sena ilu, il-knisja ma setgħetx tixtri propjetà f'isimha. Għalhekk b'kuraġġ Dun Salv Sultana xtara l-propjetà f'ismu. Peress li ċ-ċirkostanzi nbidlu, u għalhekk il-knisja tan-Nazzarenu setgħet tixtri propjetà f'isimha, sar it-tieni kuntratt bejn l-Assistent Rettur Dun Salv Sultana u Mons. Giovanni Galea, sabiex il-propjetà tkun f'isem il-knisja ta' Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra Għawdex.

Fi żmien ir-Rettur Dun Nazju Borg (1991-2006) saru bosta proġetti mifruxin fuq bosta snin. Fl-1991 beda l-proġett taz-zuntier tal-knisja, nibtet l-idea li l-ġardina li kien hemm quddiem il-kunvent tas-sorijiet tan-Nazzarenu tax-Xagħra, titneħħa minħabba l-umdità kawżata mill-ħamrija. Tneħħew il-balovostri u sar tqattigħ tal-blat ta' quddiem il-knisja. Dan ix-xogħol sar f'żewġ stadji, ħalli l-knisja tibqa' tintuża għall-pubbliku. Ix-xogħol inbeda minn quddiem il-kunvent sa nofs il-bieb maġġur. Wara li tlestiet din il-fażi, tkompliet il-parti l-oħra. Ix-xogħol ta' tħammil u tqattigħ tal-blat sar minn Karmnu Attard, filwaqt li x-xogħol tal-bini sar mill-bennej Joseph Sultana, it-tnejn mix-Xagħra. Dan il-post taz-zuntier sewa u għadu jservi għal laqgħat u attivitajiet oħra, kemm reliġjużi kif ukoll kulturali. Dan ix-xogħol kollu kif ukoll iż-żebgħa tal-knisja u xogħol ta' dawl sar minn 15-il voluntier miż-żona tan-Nazzarenu taħt is-superviżjoni tas-Sur Mario Xerri mix-Xagħra, Għawdex. It-tberik tal-kumpless taz-zuntier sar fid-9 ta' Ottubru 1993 mill-Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Fit-2 ta' Settembru 1973 l-istatwa artistika u devota ta' Marija Bambina tax-Xagħra Għawdex, ġiet inkurunata sollenement b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż mill-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Nikol Ġ. Cauchi. L-istatwa ġiet f'purċissjoni mill-Bażilika tax-Xagħra sal-knisja tan-Nazzarenu għal xi jiem. Niftakar sewwa din il-ġrajja għax kelli 13-il sena. Fl-1998 f'għeluq il-25 sena mill-Inkurunazzjoni, l-istatwa ta' Marija Bambina reġgħet ġiet mill-ġdid fil-knisja tan-Nazzarenu. L-istatwa nġarret mat-toroq tal-knisja. Għal dan l-anniversarju, fl-1999 ġie mistieden għal dawn il-festi speċjali, il-Kardinal Edward Casimir Szoka.

Fl-2000 saret l-induratura tal-knisja minn Dun Joe Calleja minn Ta' Sannat, Għawdex. Sar l-adattament liturġiku tal-artal mejda, is-sedja, l-ambone u l-pavimentar kollu tal-knisja. Ix-xogħol kollu sar minn marmista mix-Xagħra s-Sur Raymond Bonello. L-irħam tpoġġa minn Carmel Bajada wkoll mix-Xagħra. Fl-2003 saru festi speċjali biex jitfakkar l-ewwel ċentinarju mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja. Fl-2004 waqt il-ġimgħa tal-festa sar it-tberik tal-pavimentar ġdid, it-tabernaklu, is-sedja u l-ambone li tbierku mill-Arċipriet tax-Xagħra Mons. Ewkaristiku Sultana. L-artal mejda ġdid tbierek mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. F'din is-sena wkoll, l-istatwa tal-ġebel tas-Salvatur tneħħiet biex tinbidel il-bażi u l-frontispizju. Din il-bażi saret ġdida u tpoġġa l-arloġġ u tpoġġiet mill-ġdid



l-istatwa oriġinali tas-Salvatur. Ix-xogħol ġie fdat f'idejn l-Imgħallem Leli Saliba minn Għajnsielem.

Ir-Rettur preżenti, il-Kanoniku Dun Anton Refalo Rapa beda l-ħidma tiegħu fis-sena 2006. F'dik is-sena bħala parti mill-festa titulari saru ċelebrazzjonijiet speċjali biex jitfakkar il-75 anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja. Fl-2006 fil-festa ta' Kristu Re fin-Nazzarenu ġiet fostna r-relikwija tal-ewwel qaddis Malti u fundatur tas-soċjetà tal-MUSEUM, San Ġorġ Preca. Fl-2007 saru ċelebrazzjonijiet biex jitfakkar il-mitt sena tat-tberik tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu.

Matul dan ir-rettorat, sar il-pavimentar bl-irħam tas-sagristija tal-knisja mill-marmista s-Sur Raymond Bonello. Akkwist kbir għall knisja tagħna li kompla jsebbaħ il-liturġija kien l-akkwist ta' Pipe Organ mill-Ġermanja li nbena fil-gallerija tal-orgni mis-Sur Robert Buhagiar (Malta) fis-sena 2016. L-orgni ġie mbierek mill-Arċipriet tal-parroċċa tax-Xagħra Mons. Carmelo Refalo. Dan l-orgni jġib id-data tal-1960. Frott il-ħidma tal-Arċipriet tal-parroċċa Mons. Carmelo Refalo u ħuh ir-Rettur Dun Anton Refalo, fis-sena 2017 ġiet ordnata qanpiena ġdida biex tingħaqad mas-sett ta' żewġ qniepen eżistenti tal-knisja. Nistgħu bir-raġun kollu ngħidu li l-ikbar żewġ opri ta' dan ir-Rettur huma x-xiri tal-art imsejħa ta' Furtun li bħalissa qed tintuża bħala bandli u t-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid taċ-Ċentru ta' Ġesù Nazzarenu.

### Ċentru Ġesù Nazzarenu Xagħra – Ċ.Ġ.N.X.

Id-dar mixtrija minn Dun Salv Sultana saret l-ikbar opra mir-Rettur attwali Dun Anton Refalo Rapa. F'din id-dar maġenb il-knisja sar xogħol strutturali kbir. Inħatt l-intier u minflok żewġ sulari, issa nbnew tliet sulari ġodda. Il-ħsieb wara l-proġett hi li l-komunità tan-Nazzarenu u l-bqija tax-Xagħra, ikollha bini ġdid, ri-organizzat u attrezzat biex jilqa' l-ħtiġijiet ta' żmienna. Il-ħsieb wara dan il-proġett huwa li jservi l-ħtiġijiet spiritwali, pastorali, soċjali u filantropiċi tal-komunità. Dan iċ-ċentru jkun għas-servizz tat-tfal, adoloxxenti, familji u adulti, kif ukoll għall-anzjani li ser ikollhom it-tielet sular bħala xelter għall-wens ta' matul il-lejl. Fis-17 ta' Marzu 2017 intlaħaq ftehim bejn id-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità fis-Segretarjat tal-Onorevoli Dr Justyne

Caruana, illum Ministru għal Għawdex. Dan il-ftehim sar bejn is-Segretarjat u l-knisja ta' Ġesù Nazzarenu tax-Xagħra mir-Rettur attwali l-Kanoniku Dun Anton Refalo Rapa, biex in-*night shelter* ikun għas-servizz tal-anzjani bla ħlas.

Bla dubju dan il-proġett ma kienx iseħħ mingħajr il-ġenerożità kbira tal-poplu tax-Xagħra. Dan ġie jiswa eluf u eluf kbar ta' ewro. Grazzi kbira tmur għall-benefatturi ta' dan il-proġett, kif ukoll l-għajnuna kbira ta' voluntiera tan-Nazzarenu. Dawn il-voluntiera għaddew is-sistema tad-dawl u tal-ilma u kienu ħerqana biex iseħħ dan il-proġett tant ambizzjuż. Ix-xogħol tal-bini sar minn kuntratturi mix-Xagħra, Pawlu Sultana li missieru kien bena wkoll is-sala ta' taħt iz-zuntier tal-knisja u Gordon Borg. Il-perit li mexxa x-xogħol huwa s-Sur Gordon Vella flimkien ma' Jason Farrugia tal-komunità tagħna.

Minbarra dan il-proġett ta' Ċentru Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra, ir-Rettur Dun Anton Refalo Rapa tħabat bis-sħiħ, biex art qrib iċ-Ċentru fil-bidu ta' Triq Mannar, u li kienet tal-familja Theuma, u li għal xi żmien kienet mislufa lill-knisja, biex tintuża bħala post ta' rikreazzjoni għat-tfal, tinxtara mill-knisja kif kienet ix-xewqa tas-sagristan tal-Bażilika tax-Xagħra, il-mejjet Furtun Theuma li tal-familja tiegħu kienet l-art. Attwalment din l-art qed tintuża bħala post fejn jilagħbu t-tfal.

### Il-qassisin miż-żona tan-Nazzarenu:

1) Mons. Karm Hili li hu wkoll Rettur tal-knisja ta' Ħamet fil-periferija tax-Xagħra.
2) Dun Salv Sultana. Ma' dawn it-tnejn fl-1968 qaddsu Mons. Anton Refalo Zammit u l-Kanoniku Dun Ġużepp Sultana li hu kappillan fil-Kanada. Fl-2018 dawn ħutna qassisin Xagħrin jagħlqu 50 sena saċerdoti. Nixtiqulhom 'Ad Multos Annos'.
3) Dun Nazju Borg wara li serva ta' Rettur tal-knisja tan-Nazzarenu, serva wkoll ta' kappillan Ta' Kerċem, San Lawrenz u llum hu Arċipriet tal-Qala.
4) Dun Anton Theuma hu delegat tal-Isqof Pastorali tal-Familja u li għal ħafna snin kien ir-Rettur tas-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi tagħna.
5) Kanoniku Dun Joe Said li qiegħed kappillan l-Italja.
6) Mons. Daniel Xerri li serva ta' kappillan f'San Lawrenz, Rettur tas-Seminarju Maġġuri u fil-preżent hu Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija.

Barra dawn is-saċerdoti djoċesani mill-komunità tan-Nazzarenu, laħqu wkoll żewġ vokazzjonijiet reliġjużi li huma: Patri Joe Bonello tal-Franġiskani Minuri ta' Ġieżu, li llum huwa Isqof fil-Missjoni tad-Djoċesi ta' Juticalpa fil-Honduras u Patri Michael Attard tal-Franġiskani konventwali. Huwa serva bħala gwardjan fil-kunvent ta' San Franġisk fil-Belt Victoria. Illum qed iservi ta' kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Għall-ġieħ tal-istorja u għall-ġenerazzjonijiet futuri, insemmi u nikteb li minbarra l-Isqof Joe Bonello, laħaq ukoll Isqof George Bugeja li hu Vigarju Appostoliku ta' Tripli u Amministratur Appostoliku ta' Benghazi fil-Libja, il-pajjiż ġar tagħna. Dawn laħqu patrijiet meta l-Arċipriet tax-Xagħra kien Mons. Ewkaristiku Sultana. L-Arċipriet E. Sultana m'għandu bżonn l-ebda monument, la tal-irħam u lanqas tal-bronż, għalkemm jixraqlu. Hu ħalla monument f'ħajtu u ser jibqa' wara mewtu. Dan il-monument hu ċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet taħt il-Bażilika tax-Xagħra. Minn dan iċ-Ċentru kemm dam hu Arċipriet tax-Xagħra għal 31 sena sħaħ, laħqu madwar 30 saċerdot, 7 minnhom huma kappillani u Arċiprieti. Xi darba nikteb artiklu fuq dan l-Arċipriet wisq maħbub. L-ewwel Isqof mix-Xagħra kien Mons. Paolo Rużar Farrugia (1836-1907). Tifraħ ix-Xagħra u tkun parroċċa kburija meta numru minn uliedha laħqu t-taraġ tal-artal. Bosta minnhom imxerrda mad-dinja.

### Korijiet fi ħdan il-knisja tan-Nazzarenu

Il-kor Maranatha li tfisser *Ejja Mulej Ġesù*, twaqqaf meta r-Rettur kien Dun Nazju Borg. Dan il-kor jieħu sehem fil-festi liturġiċi kollha tal-knisja. L-ewwel Direttur tal-kor kien Joseph Grima, imbagħad Victor Galea mill-Għarb, u d-Direttur attwali hu s-Sur Mario Xerri u l-organista Natalie Attard. F'dawn l-aħħar snin twaqqaf kor ieħor tat-tfal bl-isem ta' Santa Klara taħt id-direzzjoni tas-soru Michaela Calleja u Natalie Attard. Dan il-kor jieħu sehem ukoll fil-festi li jsiru fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu tax-Xagħra, Għawdex.

### Konklużjoni

Bħala komunità fi ħdan il-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, dik tan-Nazzarenu hija komunità ħajja u attiva ħafna. Fil-knisja ta' Ġesù Nazzarenu jiġu ċċelebrati tliet quddisiet kuljum, kif ukoll il-funzjonijiet kollha tas-Sena Liturġika. Il-festa titulari ta' Ġesù Nazzarenu normalment tiġi ċċelebrata lejn tmiem ix-xahar ta' Settembru, u li fiha jsiru l-Kwaranturi Solenni bil-purċissjoni tas-sagrament.

### Ir-Retturi tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu:

| | | |
|---|---|---|
| 1) | Kanoniku Franġisk Sultana Też. | 1912-1926 |
| 2) | Kanoniku Lawrenz Attard | 1926-1932 |
| 3) | Kanoniku Ġwann Attard Dekan | 1932-1945 |
| 4) | Kanoniku Ġużeppi Said Też. | 1945-1958 |
| 5) | Kanoniku Franġisk Said | 1958-1960 |
| 6) | Mons. Ġwann Galea Też. | 1960-1991 |
| 7) | Dun Salv Sultana Ass. Rettur | 1980-1991 |
| 8) | Dun Nazju Borg | 1991-2006 |
| 9) | Kanoniku Anton Refalo Rapa | 2006- |